**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 127/2012**

**Illum: 28 ta' April, 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Duncan Cefai**
**(ID 86676(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Duncan Cefai ta' 35 sena, imwieled Pieta` fit-23 ta' Jannar 1976, iben Francis u Imelda nee` Caruana, residenti 'Oasis', Flat 4, Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita` numru 86676(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fid-29 ta' April 2011 u matul l-ahhar gimghat ta' qabel din id-data:

1) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-

disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu.

2) Ukoll talli kkommetta l-imsemmi reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magt. Dr. A. Vella LL.D. nhar is-16 ta' Ottubru 2008.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar id-29 ta' April 2011, ghall-habta tas-6.30 p.m jew is-7.00 p.m., il-Pulizija waqqfu lill-imputat fil-vettura tieghu tal-marka Daihatsu Feroza, bin-numru ta' registrazzjoni CAS 537, gewwa Triq l-Iskoll, Wied il-Ghajn u fl-*ashtray* tal-istess vettura nstabet borza bi trab abjad, suspettat kokaina. Dak il-hin, mal-imputat, kien hemm ukoll mara Ingliza. Tfittxijiet li saru fir-residenza tal-imputat gewwa Wied il-Ghajn, f'xi garaxx fl-istess triq u anke f'residenza ohra gewwa Wied il-Ghajn li ma kinitx tal-

imputat, irrizultaw ilkoll fin-negattiv.[1] L-imputat gie arrestat u ttiehed gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex tkompli l-investigazzjoni.

Mir-relazzjoni tal-espert **ix-Xjenzat Godwin Sammut**[2], jirrizulta illi huwa nghata, ghall-analizi tieghu, *envelope* immarkat bhala S/B/231/2013 li kien jikkontjeni borza tal-plastik trasparenti, li kien fiha karta bil-kliem "*Data 29-04-2011 Hin 08.30pm Elevat/i minn gos-sigarett ashtray tal-vettura Reg No: CAS 537 fil-prezenza ta' Duncan Cefai 86676(M) minn PS579 PC364*" u qartas tal-plastik li kien fih trab ta' lewn abjad. Mill-istess relazzjoni jirrizulta wkoll illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella (hawnhekk jidher li x-Xjenzat ried jirreferi ghal trab ta' lewn abjad, tant li fl-istess waqt jirreferi ghad-dokument fil-Kodici tal-Laboratorju 131_13_01 li huwa l-istess kodici tal-laboratorju li nghata d-dokument li tieghu saret l-analizi), instabet is-sustanza <u>kokaina</u>. Il-piz tat-trab kien ta' <u>0.48 grammi</u> u l-purita` kienet ta' cirka <u>25%</u>. Skond l-istess espert in kontro-ezami, il-purita` kienet wahda normali li tinstab fit-triq.

**L-imputat** irrilaxxja stqarrija nhar l-1 ta' Mejju 2011 u dan wara li huwa nghata s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jiehu parir legali, liema dritt madankollu huwa ghazel li ma jezercitahx.[3] F'din l-istqarrija, l-imputat jghid illi huwa mizzewweg u li kien ghaddej minn separazzjoni. Jghid ukoll illi m'ghandux il-vizzju tad-droga u li qatt ma abbuza mid-droga. Dwar il-borza bit-trab abjad li nstabet fil-vettura tieghu fil-jum in kwistjoni, huwa jghid illi kien qieghed izommha ghal siehbu, li siehbu qallu biex izommhielu minhabba t-tfajla tieghu u li kien sejjer jigborha minghandu fit-tard. Jghid illi kif jiltaqa' mieghu, kien ser jaghtihielu lura. Jghid ukoll illi qabel gie arrestat, huwa kien qieghed ghand it-tfajla tieghu, gewwa Marsaskala stess u li kienu sejrin jiehdu *drink.* Siehbu qallu li kien fiha l-'*coke*'. Skont hu, siehbu ghaddhielu din il-borza l-Gimgha ta' qabel (u cioe` ghalhekk fid-29 ta' April 2011, li kien jahbat il-jum tal-Gimgha u li kien ukoll il-jum li fih l-imputat gie arrestat) fil-5.00p.m. minn fejn il-klabb tal-banda ta' Wied il-Ghajn. Jghid illi lil siehbu kien ilu jafu xi sena, li mhuwiex cert jekk dan ghandux il-vizzju tad-droga, izda jaf li kien qed imur programm. Mistoqsi allura jekk f'sena ma kienx irnexxilu jsir jaf f'hiex kien qed ihawwad siehbu, iwiegeb fin-negattiv u jghid illi dan mhux habib li jkun mieghu kuljum u li jitkellmu biss meta jiltaqghu. Sar jafu l-*'Lemon and Lime'* gewwa Marsaskala, ghalkemm minn wiccu kien ilu jafu. Meta gie ssugerit lilu illi kien jafu sew u sew hafna, huwa wiegeb "*Nafu*

---

[1] Ara x-xhieda ta' **PS 579 Antoine Micallef**, a fol. 12 u 13 tal-process u x-xhieda ta' **PC 364 David Borg**, a fol. 14 sa 16 tal-process. Ghalkemm ix-xhud PC 364 David Borg ma ftakarx ta' min kienet din ir-residenza gewwa Wied il-Ghajn, l-Ispettur Johann J. Fenech, fix-xhieda tieghu, jghid illi din kienet ir-residenza tas-siehba tal-imputat.
[2] Din tinsab esebita a fol. 37 *et seq* tal-process.
[3] L-istqarrija tal-imputat tinsab esebita a fol. 23 *et seq* tal-process.

*mhux ha nghidlek ma nafux*". Jikkonferma li fuq il-*mobile* tieghu tal-marka Nokia, kien hemm diversi messaggi bejniethom u mbaghad kompla biex ta d-dettalji dwar din il-persuna, ossia ismu, l-laqam tieghu ossia Fardell, il-vettura tieghu, fejn joqghod u fejn jahdem. Jikkonferma wkoll illi n-numru tal-Fardell kien imnizzel fil-*mobile* tieghu bhala 'Fardek'. Jghid illi l-Fardell qatt m'ghaddhielu borza bhal dik qabel dakinhar u mistoqsi jekk qatt ghaddhielux droga qabel, jerga' jghid illi ma jiehux droga. Mistoqsi allura ghalfejn accetta l-borza la darba kien jaf x'fiha u la darba huwa ma kienx jiehu droga, huwa wiegeb "*Ghax iblah hu*".

Dwar il-messaggi misjuba fil-*mobile* tieghu, meta gie ssugerit lilu illi jidher mill-istess messaggi illi din ma kinitx l-ewwel darba li Fardell ghaddielu d-droga, l-imputat wiegeb illi hemm xi messaggi li Fardell ma riedx jibaghthom lilu. Dwar il-messagg "*Ada gibomli ax andi bzonom ta*", l-imputat jghid illi hawnhekk Fardell kien qed jirreferi ghal xi flus li huwa kellu jaghti lill-istess Fardell. Jikkonferma li huwa kien issellef xi flus minghandu ghaliex kien spicca minghajr flus. Dwar messagg iehor "*Kif ha namlu fejn ha nadi*?", l-imputat jghid illi ma jafx xi jfisser. Dwar messaggi ohrajn min-numru 7725 8390, l-imputat jghid illi dan huwa wkoll in-numru ta' Fardell (ghalkemm in-numru ta' Fardell huwa indikat bhala 7966 0880 fil-*Phone Book Contents*) u dwar x'kienu jfissru l-messaggi "*xha tamel ax gej dak*", "*gej ta isa ohrog*", "*gej sihbi isa bil gib 2 ta*", l-imputat jerga' jghid li ma jafx. L-istess jghid dwar il-messagg "*gibomli ax gej alijom dak*" u dwar messagg iehor "*Ghidlu nofs siegha ohra imma ha jtini flus*". Skond id-domanda maghmula mill-Ufficjal Investigatur, dan il-messagg intbaghat mill-imputat lil Fardell, izda mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, jirrizulta car illi dan il-messagg kien fl-*inbox* u li ghalhekk kien gie ricevut u mhux mibghut mill-imputat. Dwar messaggi ohrajn ossia "*Taf kemm kin fiha*" u "*Dak ha jara lilek? Jew u 2 pr mil ohra*" u mistoqsi ghalfejn baghthom lil Fardell[4], l-imputat wiegeb illi wiehed, li ma kienx jafu, staqsieh min ikollu u li huwa rrefera lil din il-persuna ghal Fardell. Madankollu, meta gie mistoqsi jekk skont hu, Fardell kienx ibiegh l-*ecstasy* ukoll, huwa wiegeb li ma jafx u mistoqsi ulterjorment ghalfejn allura kien baghat lill-persuna li ma kienx jaf ghand Fardell, huwa wiegeb li jekk Fardell ma jkunx jaf, seta' jibaghtu ghand haddiehor. Dwar il-messagg "*2 bil borza bkollox*", jghid illi dan jirreferi ghal rimmijiet u jghid li baghtu lil Fardell ghaliex jaf li kellu. Huwa kkonferma li xi hadd kien staqsieh ghal zewg rimmijiet, li huwa ma kellux u ghalhekk kien baghtu ghand Fardell.

[4] Fil-fatt anke dwar dawn il-messaggi, mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, jirrizulta illi effettivament dawn ma gewx mibghuta mill-imputat, izda ntbaghtu lilu minn Fardell.

L-imputat jinnega li huwa gab il-borza bil-kokaina minghand xi hadd biex ibieghha lil terzi, jghid li qatt ma biegh droga u jinnega wkoll illi huwa kien jghaddi d-droga lil Fardell biex dan imexxihielu.

**L-imputat** ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Huwa jghid illi dak iz-zmien kien ghadu ser jibda jissepara minn ma' martu ghaliex kien qabadha ma' ragel iehor f'Jannar tas-sena 2009, kien ghaddej minn zmenijiet difficli u meta beda johrog, kien juza l-kokaina biex jipprova jiehu gost. Dwar il-borza bil-kokaina li nstabet fil-vettura tieghu jghid illi din kienet ghall-uzu tieghu u li kien behsiebu johodha dak il-lejl stess ghax kien il-Gimgha fil-ghaxija meta nqabad. Jghid illi dakinhar kien cempel lil Fardell u ltaqghu hdejn il-Kazin tal-banda ta' Wied il-Ghajn. Jghid illi b'kollox xtara l-kokaina xi darbtejn jew tliet darbiet qabel il-jum in kwistjoni u li din id-droga kien jixtriha minghand Fardell. Kien iltaqa' mieghu fil-*bars* li kien jiffrekwenta f'Marsaskala u kien ilu jafu xhur. Jghid li kien jixtri pakkett bil-prezz ta' €50. Dwar il-fatt li fl-istqarrija tieghu huwa kien qal illi qatt ma ha droga, huwa jghid illi dakinhar huwa kien beza' jghid illi d-droga kienet tieghu ghaliex kien qed jikser il-ligi u beza' wkoll illi kien ser jitlef it-tifel u l-impjieg tieghu. Beza' in oltre li jinkwieta lill-grenituri tieghu kemm il-darba dawn isiru jafu li kien qed juza d-droga. Kien gie wkoll ikkundannat ghal sentenza ta' prigunerija sospiza u ghalhekk beza' anke f'dan ir-rigward. Jikkonferma dak li qal fl-istqarrija tieghu, fis-sens illi fil-messagg "*Ada gibomli ax andi bzonom*" Fardell kien qed jirreferi ghall-flus li x-xhud (ossia l-imputat) kellu jaghtih u dan fir-rigward tad-droga li kien xtara fid-darbtejn ta' qabel l-okkazzjoni li nqabad fiha. Jghid illi ma kellux flus dak il-hin fuqu u kien qal lil Fardell li kien ser jaghtih il-flus kif jaqbad il-paga. Jghid ukoll illi fl-istqarrija kien qal illi ssellef il-flus minghand Fardell ghax beza' jghid illi kien xtara d-droga ghall-uzu tieghu. Jerga' jghid ukoll illi xi messaggi ntbaghtu lilu minn Fardell bi zball u li kien hemm xi messaggi li hu ma rrispondhiex ghalihom. Dwar xi messaggi ohrajn, jghid illi Fardell u shabu kienu jixtru l-vetturi u jbieghu l-partijiet taghhom u li kien irrefera lil terza persuna lil Fardell meta dan qallu li kellu bzonn rim ghall-vettura tieghu. Jghid illi huwa qal lil din il-persuna "*imma bil-borza b'kollox jigifieri, jkunu ghadhom godda*" u dan b'referenza ghal dawn ir-rimmijiet. Dwar il-messaggi "*Taf kemm kin fiha*" u "*Dak ha jara lilek? Jew u 2 pr mil ohra*", huwa jghid illi xi hadd kien staqsieh min ikollu l-kokaina, staqsieh jekk Fardell ikollux u hu qallu sabiex jistaqsi lil Fardell ghaliex jekk ma jkollux hu, forsi jkun jaf lil haddiehor. Jghid illi hlief ghad-darbtejn li kien xtara d-droga ghalih personali, huwa qatt ma kellu droga fuqu u qatt ma kien biegh droga.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Mejju 2005, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marius Magri**:

"*Illi dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spjaccjata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz tkun bizzejjed.*"

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tat-23 ta' Mejju 2002, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana**, "*kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule"x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli*".

Illi f'dan il-kaz, dak li qeghda tikkontesta d-difiza m'huwiex il-pussess tad-droga kokaina misjuba, izda l-pussess aggravat tal-istess. Dak li qeghda tikkontendi d-difiza ghalhekk huwa illi d-droga misjuba fil-pussess tal-imputat kienet intiza biss ghall-uzu personali tieghu u mhux biex tigi spaccata lil terzi.

Jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur[5] illi dak li wassal sabiex l-imputat jigi akkuzat bil-pussess aggravat u mhux sempliciment bil-pussess semplici tad-droga kokaina, minkejja li nstab biss qartas wiehed bid-droga kokaina fil-pussess tieghu u minkejja wkoll li ma nstabu l-ebda oggetti ohrajn fil-pussess tal-imputat bhal per ezempju mwiezen, notamenti u flejjes, li jistghu jwasslu ghall-konkluzjoni li l-

[5] A fol. 17 sa 22 tal-process.

istess imputat kien involut fl-ispacc tad-droga kokaina, kienu zewg ragunijiet ossia fl-ewwel lok illi fl-istqarrija tieghu l-imputat wiegeb ghal darba tnejn li huwa ma kienx jabbuza mid-droga u li d-droga li nstabet fil-pussess tieghu kienet intiza ghall-habib tieghu, Fardell u fit-tieni lok, ghaliex il-messaggi li nstabu fil-*mobile* tal-istess imputat qanqlu suspett fl-Ufficjal Prosekutur illi l-imputat jista' jkun involut fl-ispacc tad-droga. Dan apparti illi fil-fehma tal-Ufficjal Prosekutur, l-imputat ma wegibx b'mod sodisfacjenti fl-istqarrija tieghu meta mistoqsi dwar dawn il-messaggi.

Fl-ewwel lok, il-Qorti sejra tqis il-verzjonijiet kunfliggjenti li ta l-imputat odjern fl-istqarrija rilaxxjata minnu u fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri. Fil-waqt illi fl-istqarrija tieghu, l-imputat insista izjed minn darba li huwa qatt ma kien abbuza mid-droga, fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri, huwa jghid illi huwa beda jabbuza mill-kokaina f'dawk iz-zmenijiet ghaliex kien ghadu kif beda separazzjoni minn ma' martu u li sa dakinhar li nqabad, kien abbuza xi darbtejn minn din id-droga. Ghalhekk skont ix-xhieda tieghu, id-droga misjuba fil-pussess tieghu kienet intiza biss ghalih. Ukoll skont l-imputat, fl-istqarrija tieghu huwa kien innega li kien jiehu d-droga ghaliex beza' minn diversi fatturi li gew spjegati minnu fix-xhieda tieghu, fosthom illi dak iz-zmien, huwa kien qed jissepara minn ma' martu u ghalhekk dan seta' jhalli impatt dwar dak li kien jirrigwarda lil ibnu u fuq xoghlu. Dwar dan il-Qorti tosserva s-segwenti:

1. Fl-istqarrija tieghu mehuda lilu fl-1 ta' Mejju 2011, l-imputat jghid illi kien qieghed f'kaz ta' separazzjoni.

2. Fix-xhieda tieghu, f'dawn il-proceduri, huwa jghid illi fiz-zmien tal-kaz ossia f'Mejju 2011, huwa kien ghadu ser jibda jissepara minn ma' martu ghaliex kien ghadu kif qabadha ma' ragel iehor u li dan kien zmien difficli ghalih. Wara jghid illi huwa qabad lil martu ma' haddiehor f'Jannar 2009, li dam biex hareg wara dan l-incident u li meta beda johrog ma kienx jiehu gost sempliciment b'*drink* u ghalhekk abbuza mid-droga kokaina f'xi zewg okkazzjonijiet qabel id-data li nqabad fiha.

3. Mir-rapport esebit mill-Ufficjal tal-*Probation* jirrizulta wkoll illi l-imputat jghid illi huwa zzewweg ta' wiehed u ghoxrin sena u li wara tnax-il sena zwieg, hu u martu ddeciedew li jisseparaw. La darba mill-att tat-twelid tal-imputat jirrizulta illi huwa twieled fis-sena 1976, dan ifisser illi huwa zzewweg fis-sena 1997 u li ddecieda li jissepara minn ma' martu fis-sena 2009.

4. Mir-rapport esebit mill-Ufficjal tal-*Probation*, jirrizulta illi l-imputat jghid illi huwa kien jaghmel uzu kazwali mill-kokaina fis-sena 2008, liema sena huwa ddeskriviha bhala sena partikolari hafna f'hajtu, ghaliex kien hiereg minn separazzjoni, rega' beda johrog fil-*bars* u kien juza l-kokaina bhala mezz sabiex iqatta' lejl barra ma' certi hbieb tieghu li kien jaghmilha maghhom dak iz-zmien.

Il-Qorti tqis kif inghad illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jinnega ghal darba tnejn li kien jaghmel uzu mid-droga. Madankollu jghid xort'ohra fix-xhieda tieghu u allura jipprova jiggustifika l-pussess tal-qartas wiehed kokaina li nstab fil-pussess tieghu billi jghid illi dak iz-zmien huwa kien beda jaghmel uzu mid-droga. Il-kwistjoni primarja f'din il-kawza ghalhekk tirrivolvi dwar jekk il-Qorti ghandhiex temmen lill-imputat meta jghid illi fiz-zmien in kwistjoni huwa kien jaghmel uzu mid-droga kokaina, ghaliex effettivament kien biss qartas wiehed illi nstab fil-vettura tieghu – qartas li fil-piz tieghu seta' facilment kien intiz biss ghall-uzu personali. U minkejja li persuna tkun tispacca d-droga, ma jfissirx necessarjament li dik l-istess persuna ma jkollhiex ukoll droga, fil-pussess taghha, li tkun intiza biss ghall-uzu personali taghha.

Il-Qorti imbaghad tqis ukoll il-messaggi li nstabu fuq il-*mobile* tal-imputat u li f'dan ir-rigward l-imputat ma kien kredibbli xejn. Anzi minghajr tlaqliq ta' xejn il-Qorti tqis illi l-messaggi misjuba f'dan il-*mobile*, kif jirrizulaw mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ma jhallux dubju illi l-imputat kien involut fl-ispacc tad-droga. Fil-fatt ghalkemm fix-xhieda tieghu (u anke fl-istqarrija rilaxxjata minnu), l-imputat gie dirett ghall-messaggi li gew mibghuta lilu minn Fardell u li dwarhom l-imputat ma kien kredibbli xejn fl-ispjegazzjoni li huwa jaghti dwarhom, fuq l-istess *mobile* kien hemm ukoll messaggi ohrajn minn numru iehor – 99018584 – li jkomplu jsahhu l-fehma tal-Qorti li l-imputat kien involut fl-ispacc tad-droga. B'mod partikolari, il-Qorti tirreferi ghas-segwenti messaggi mill-istess numru: i) mibghuta lill-imputat fid-19 ta' Dicembru 2010, f'00:24:49 – "*Ghajdli fejn qieghed man*"; f'00:47:03 – "*Ghandi wahda minhom ejja ghalijja ghax imbarazz man ... Ejja ghalijja qlajt l glied fuq hekk jien*"; f'00:52:07 – "*Ibat jew ghaqbdu ghax l alla nifqa bhal issa man*; u f'02:43:26 – "*Aw man ha gibli wahda pv jew niltaqaw nofs triq ibat malajr man*"; ii) mibghut lill-imputat fit-22 ta' Dicembru 2010, fl-16:28:44 – "*Aw gib ohra l lemon man*"; iii) fl-istess jum, fis-18:53:56 – "*Aw bob 10 mins ohra ghax qed ninhasel man*"; f'19:40 "*Fejn wasalt man ghax daqt gejja tal linja king*"; f'19:42:36 – "*Taqtani sa bkara ma pls? Taghmilli l ikbar pjacir kieku man*"; u f'19:59:32 – "*Aw bob jekk tigi t 31 tparla xejn li diga hadt ta man u taparsi tlajt mieghek ghax hekk ghadtila lilha ta' king?*"; fit-12 ta' Jannar 2011, f'22:11:22 – "*Inti ha tnewilli xi wahda man ha nduquwa jew?*"; u fil-5 ta' Frar

2011, fl-21:46:36 – "*aw man nista nigi ghal wahda u 20 ewro man pls? issa niranga mieghu it tlieta man*". U mibghuta lilu minghand Fardek – li fl-istqarrija tieghu jghid illi huwa Fardell – i) fit-18 ta' Dicembru 2010 "*Kemm ghidli ridt ikun hemm?*", "*Trid tohrog 17 il wahda minom dawk*"; ii) fid-19 ta' Dicembru 2010 fl-04:53:12 - "*Ghidlu nofs siegha ohra imma ha jtini flus*"; iii) fit-22 ta' Dicembru 2010 fis-18:27:16 – "*Xamrlt mort em*"; fis-18:36:44, "*Taf kemm kin fiha*?" u fis-18:43:00, "*Dak ha jara likek? jew u 2 pr mil ohra*"; iv) fit-23 ta' Dicembru 2010, fis-19:07:07 – *"Kem kinet ezat ta dawk it 2*"; fis-19:10:50 – "*Ibat*"; fis-19:15:00 – "*2 bil borza bkollox*" u fid-21:38:22 "*Adek em int jew aw jolanda trid*", fil-23:33:32 – "*Rajt mes ax ha jifqali mohi dan*"; f'00:03:05 – "*Kif ha namlu*" u f'00:05:30 – "*Xha tamel ha nigi alija*"; fl-24 ta' Marzu 2011, fit-20:10:18 – "*Kif ha namlu jew?*; fit-20:20:36 – "*Rajtu mesag*" u fid-20:50:40 – "*Gibomli ax gej alihom dak*" u min-numru 77258390 li skont l-imputat, fl-istqarrija tieghu wkoll kien mibghut minn Fardell, fl-24 ta' April 2011 f'00:16:06 – "*GEJ SIHBI ISA BIL GIB 2 TA*", f'00:17:10 – "*RAJTU MES*"; f'00:18:08 – "*GEJ TA ISA OHROG*" u f'00:19:49 "*XHA TAMEL AX GEJ DAK*" u fit-28 ta' April 2011 fl-16:56:08 – "*Kif ha namlu fejn ha nadi*?"; fid-21:09:21 – "*Xamilt*?", fl-22:23:41 – "*Ada gibomli ax andi bzonomta*".

Fil-fehma tal-Qorti, dawn il-messaggi jindikaw spacc ta' droga lil terzi u l-Qorti ghalhekk temmen li dawn la kienu jirreferu ghar-rimmijiet, kif jghid l-imputat, u lanqas dwar il-flus li huwa kellu jaghti lil Fardell dwar id-droga li kien xtara minghandu f'zewg okkazzjonijiet precedenti. Dan ghaliex apparti li fil-kuntest tal-messaggi kollha li ntbghatulu minn Fardell, il-verzjoni tal-imputat rigward l-istess ma tregix, hemm ukoll messaggi ta' terza persuna li jidhru car u tond li qed jirreferu ghad-droga u li permezz taghhom min qed jibghat l-istess messaggi qed jitlob id-droga lill-imputat. Lanqas il-verzjoni tal-imputat illi Fardell bghatlu l-messaggi biz-zball jew li ma riedx jibaghthom lilu ma tregi ghaliex Fardell ma bghatlux biss messagg wiehed fejn allura jista' jkun hemm dubju jekk il-messagg riedx jintbaghat lilu, izda dan bghatlu diversi messaggi fuq perjodu ta' zmien, u ghal-liema messaggi jidher car f'certi istanzi illi l-istess imputat kien ukoll jirrispondi.

Mill-banda l-ohra, ghalkemm il-Qorti ma tqisx lill-imputat kredibbli fil-partijiet tax-xhieda tieghu fejn issir referenza ghal dawn il-messaggi, biss tqis ukoll fatturi ohrajn fir-rigward tad-droga misjuba fil-pussess tieghu. Fl-ewwel lok, instab biss qartas wiehed fil-pussess tal-imputat u dan f'piz li huwa normalment assocjat ma' uzu personali ta' droga, ghalkemm ma jfissirx necessarjament illi qartas wiehed ma jistax ikun ukoll intiz ghall-ispacc lil terzi. Tqis ukoll illi l-verzjoni tal-imputat moghtija minnu fl-istqarrija tieghu, fis-sens illi huwa kien qed izomm id-droga ta'

Fardell sabiex imbaghad jerga' jghaddihielu lura izjed tard u li dan tahielu biex izommhielu minhabba t-tfajla, mhijiex verosimili specjalment fil-kuntest tal-messaggi li nstabu fuq il-*mobile phone* tal-imputat. Dan il-qartas kien jew intiz ghall-uzu tal-imputat jew inkella ghall-ispacc, anke jekk bi ftehim ma' Fardell, imma zgur illi ma kienx ghand l-imputat sempliciment ghaliex Fardell ghaddih lilu biex jahbi mit-tfajla tieghu.

Il-Qorti hasbet fil-tul ukoll dwar il-verzjonijiet kunfliggenti li ta l-imputat u dan fis-sens illi l-ewwel sostna, fl-istqarrija tieghu, illi huwa ma jihux droga u sussegwentement, fix-xhieda tieghu qal illi huwa beda juza d-droga dak iz-zmien u li kien ha d-droga f'xi zewg okkazzjonijiet precedenti. F'dan il-kuntest, ghalkemm il-Qorti ma tqisx lill-imputat kredibbli f'partijiet mix-xhieda tieghu u lanqas f'partijiet mill-istqarrija rilaxxjata minnu, il-Qorti tqis ukoll illi huwa verosimili li persuna li tkun ghaddejja minn mument turbulenti f'hajjitha bhal ma hija separazzjoni personali tirrivolgi ghad-droga, bhala ma huwa wkoll verosimili illi persuna li tkun ghaddejja minn separazzjoni bhal ma kien ghaddej l-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern tibza' tammetti li tabbuza mid-droga minhabba r-riperkussjonijiet li dan jista' jkollu fuq, per ezempju, il-kura u l-kustodja u/jew l-access ghall-minuri, kif jghid l-imputat u dan apparti riperkussjonijiet ohrajn fuq l-impjieg u relazzjonijiet familjari. Jirrizulta wkoll illi huwa minnu li l-imputat kien inghata sentenza ta' prigunerija sospiza ghall-perjodu ta' tliet snin, fis-16 ta' Ottubru 2008, u ghalhekk huwa nqabad fil-pussess tad-droga proprju fil-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza. Kif inghad, dan ma jfissirx illi l-Qorti temmen lill-imputat dwar dak kollu li xehed dwaru, lanqas meta jipprova jaghti l-impressjoni illi huwa ma kienx jifhem fid-droga u li ghalhekk setghu tawh xi haga ohra li ma kinitx droga, kif jghid fix-xhieda tieghu u dan qed jinghad b'mod partikolari fil-kuntest tal-messaggi li nstabu fuq il-*mobile* tieghu. Madankollu, meta tqis illi l-imputat instab fil-pussess ta' qartas wiehed fil-lejl in kwistjoni u dan meta jirrizulta wkoll li fil-hin li twaqqaf mill-pulizija, huwa kien mas-siehba tieghu ta' dak iz-zmien u kienu sejrin jiehdu *drink*, kif jghid l-imputat fl-istqarrija tieghu, li huwa verosimili wkoll fid-dawl tal-fatt li l-imputat gie mwaqqaf mill-pulizija nhar il-Gimgha fil-ghaxija, il-Qorti ma tistax tasal sal-konvinciment morali li dak il-qartas hekk misjub ma kienx intiz ghall-uzu personali tal-istess imputat. F'dan il-kaz, il-Qorti ghandha dak il-*lurking doubt* li ghandu necessarjament imur favur l-imputat.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-imputazzjoni odjerna ma tirreferix biss ghad-29 ta' April 2011 ossia l-lejl meta l-imputat gie arrestat, izda tirreferi wkoll ghall-ahhar gimghat ta' qabel din id-data. B'dan il-Qorti tifhem proprju dan u cioe` l-ahhar gimghat. Jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, illi f'dan il-perjodu ta' zmien u specifikatament fil-25 ta' April 2011, hemm sett ta' messaggi mibghuta

lill-imputat min-numru 77258390, partikolarment il-messaggi "*GEJ SIHBI ISA BIL GIB 2 TA*" u wara "*GEJ TA ISA OHROG*" u "*XHA TAMEL AX GEJ DAK*". Madankollu, ghalkemm il-Qorti tqis dawn il-messaggi bhala indikattivi ta' spacc ta' droga, b'mod partikolari fil-kuntest tal-messaggi l-ohra li ghalihom il-Qorti ghamlet referenza izjed 'il fuq, minn dawn il-messaggi wahedhom, il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni fil-grad rikjest mil-ligi illi l-imputat kien fil-pussess aggravat tal-kokaina dakinhar li rcieva dan il-messagg, kemm ghaliex ghal dawn il-messaggi m'hemmx risposta u l-Qorti lanqas ma tista' tghid jekk ittehditx azzjoni wara dawn il-messaggi u fit-tieni lok, fil-kuntest ta' messagg iehor tat-22 ta' Dicembru 2010, li jirreferi ghal "*2 pr mil ohra*", li jista' facilment jigi interpretat li qed jirreferi ghal zewg 'pirmli' ohra, lanqas ma huwa eskluz illi l-messagg tal-25 ta' April 2011 ma kienx qed jirreferi ghad-droga kokaina, izda ghal droga ohra bhal pilloli *ecstasy.*

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tqis illi l-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra l-imputat ma gietx sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi, izda l-imputat qed jinstab hati tar-reat ta' pussess semplici tad-droga kokaina, liema reat huwa kompriz u involut fir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

Fit-tieni lok, l-imputat qed jigi akkuzat talli wettaq reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ossia sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, nhar is-16 ta' Ottubru 2008. Kopja legali ta' din is-sentenza giet esebita mill-Prosekuzzjoni, mil-liema sentenza jirrizulta illi l-konnotati tal-imputat f'dak il-kaz huma identici ghall-konnotati tal-imputat odjern. Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi gie sodisfacentement ippruvat illi din is-sentenza inghata proprju fil-konfront tal-imputat odjern.

Ai termini tal-Artikolu 4(1) u (2) tal-Att I tas-sena 2015 (Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta), persuna akkuzata bil-pussess ta' droga projbita fi kwantita` ta' anqas minn zewg grammi, irrispettivament mill-purita`, f'cirkostanzi li ma jwasslux li wiehed ragonevolment jemmen li d-droga projbita mhijiex ghall-uzu personali tal-persuna li ghandha l-pussess taghha, jehel meta jinstab hati, penali bejn hamsa u sebghin euro u mija u hamsa u ghoxrin euro. Altrimenti jibqghu japplikaw il-ligijiet dwar id-droga, ossia f'dan il-kaz, id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101.

F'dan il-kaz, l-imputat instab fil-pussess ta' qartas wiehed li kien jikkontjeni trab bil-kokaina, liema trab kellu piz ta' 0.48 grammi. Ghalkemm l-imputat jghid illi qabel dakinhar huwa kien ha d-droga f'xi zewg okkazzjonijiet ohra, ma jirrizultax meta ezattament kien fil-pussess ta' din id-droga u fi kwalunkwe kaz, anke li kieku ghall-grazzja tal-argument dan sehh fiz-zmien tal-kaz odjern, xorta m'hemmx il-

prova li b'kollox din id-droga ma kinitx f'ammont ta' inqas minn zewg grammi. F'dan il-kaz, il-Qorti ghandha ghalhekk tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issa ai termini tal-Artikolu 28B(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ghandha tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda ssehh (salv ghad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) tal-istess artikolu) <u>meta persuna tinstab hatja ta' reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija</u> li jkun sar matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza. F'dan il-kaz, ir-reat li wettaq l-imputat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza huwa dak ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni ossia dak tal-pussess illegali tal-kokaina, li ghalkemm sal-14 ta' April 2015, ai termini tal-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kien punibbli *inter alia* bi prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn tlett xhur u mhux izjed minn tnax-il xahar, bid-dhul fis-sehh tal-Att I tas-sena 2015 fil-15 ta' April 2015, f'certi kazijiet bhal kaz odjern, din il-piena ma baqghetx applikabbli, izda bdew japplikaw minflok id-disposizzjonijiet tal-imsemmi Att. Ai termini tal-Artikolu 3 ta' dan l-Att:

"(1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2), id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att inkluż il-proċeduri, miżuri u <u>pieni</u> previsti f'dan l-Att fir-rigward ta' reati kontra l-liġijiet dwar id-droga, <u>għandhom japplikaw minkejja u għall-esklużjoni tad-dispożizzjonijiet tal-liġijiet dwar id-droga</u>. Ma tkun tinħtieġ ebda direzzjoni mingħand l-Avukat Ġenerali għall-iskop ta' bidu ta' proċeduri skont l-artikoli 4 u 5 ta' dan l-Att.

(2) Il-liġijiet dwar id-droga għandhom jibqgħu fis-seħħ <u>bl-eċċezzjoni ta' kwalunkwe materja espliċitament prevista f'dan l-Att</u>." [sottolinear tal-Qorti]

In oltre ai termini tal-Artikolu 14 tal-Att I tal-2015:

"L-artikolu 3 tal-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja għandu jiġi emendat kif ġej: … (b) minnufih wara s-subartikolu (3) għandhom jiżdiedu s-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, reat kontra l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha li tista' ssir prosekuzzjoni dwaru taħt dan l-Att m'għandux jieqaf milli jkun reat kriminali u l-qrati ta' ġurisdizzjoni kriminali għandu jkollhom ġurisdizzjoni konkorrenti sabiex jagħtu deċiżjoni dwar dak ir-reat <u>hekk iżda li l-piena applikabbli wara dħul fis-seħħ ta' dan l-Att m'għandhiex tkun</u>

ogħla mill-pieni li kienu jkunu applikabbli li kieku r-reat tressaq quddiem Kummissarju għall-Ġustizzja taħt dan l-Att" [sottolinear tal-Qorti].

Isegwi ghalhekk illi la darba fil-jum li fih qed tinghata s-sentenza (u cioe` illum) li permezz taghha l-imputat qed jinstab hati tar-reat ta' pussess semplici tal-kokaina, tali reat m'huwiex punibbli b'piena ta' prigunerija ai termini tal-Att I tas-sena 2015, il-Qorti ma tistax issib lill-istess imputat hati, ai termini tat-tieni imputazzjoni, talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza u ghaldaqstant, qed jigi illiberat minn din l-imputazzjoni.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, kif inghad, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-piz tad-droga misjuba fil-pussess tal-imputat u li f'dan il-kaz, stante li l-imputat qed jinstab hati tal-pussess semplici tad-droga kokaina, ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat u r-rapport tal-Ufficjal tal-*Probation* fir-rigward tal-istess.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, kif lanqas mhux qed issibu hati tat-tieni imputazzjoni u ghaldaqstant qeghda tilliberah minnhom, b'dan illi wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issibu hati tar-reat ta' pussess semplici tad-droga kokaina u qed tikkundannah ghall-penali ta' mitt Euro (€100), u ai termini tal-Artikolu 10(2) tal-Kap. 291, tordna li f'kaz li l-hati ma jhallasx din is-somma fi zmien xahar mil-lum, huwa ghandu jhallas penali addizzjonali ta' hdax il-Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati jhallas l-ispejjez inkorsi fil-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri, ossia l-ispejjez konnessi mal-hatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, sebgha u hamsin Euro, disgha u hamsin centezmu (€157.59) u l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' tliet mija, sebgha u tmenin Euro, sitta u hamsin centezmu (€387.56), b'kollox ghalhekk tali spejjez

ammontanti ghas-somma ta' hames mija, hamsa u erbghin Euro u hmistax-il centezmu (€545.15), liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien xahar mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument JF, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat